C/2026/2088

8.4.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.12350 – ZÜBLIN / GEIGER BAUWERKSANIERUNG / CAPSYS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/2088)

1. Fis-27 ta' Marzu 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Ed. Züblin AG ("Züblin", il-Ġermanja),

— Geiger Bauwerksanierung GmbH & Co. KG ("Geiger", il-Ġermanja).

Züblin u Geiger se jakkwistaw fi ħdan it-tifsira tal- Artikoli 3(1)(b) u (4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' capsys GmbH & Co. KG ("capsys", il-Ġermanja).

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Züblin hija kumpanija tal-kostruzzjoni prinċipalment attiva fil-Ġermanja u fil-pajjiżi tal-Benelux, primarjament attiva fl-oqsma tal-kostruzzjoni ta' bini lest minn kollox, inġinerija ċivili, konstruzzjoni ta' mini u kostruzzjonijiet speċjalizzati oħra inkluż ir-riabilitazzjoni tal-bini,

— Geiger hija kumpanija tal-kostruzzjoni primarjament attiva fil-Ġermanja, li tispeċjalizza fir-riabilitazzjoni tal-bini, b'mod partikolari l-pontijiet, il-parkeġġi ta' taħt l-art tal-karozzi u t-tankijiet tal-ilma tax-xorb.

3. L-impriża capsys hija attiva fl-oqsma li ġejjin:

Id-distribuzzjoni ta' sistemi ta' protezzjoni mill-korrużjoni tal-katodu għal strutturi tal-konkrit rinfurzat prinċipalment fil-Ġermanja.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12350 — ZÜBLIN / GEIGER BAUWERKSANIERUNG / CAPSYS

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-fax jew permezz tal-posta, fejn għandhom jintużaw id-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
B - 1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË